Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/909

16.5.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/909

tat-13 ta' Mejju 2025

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2207 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż fil-Greċja

(notifikata biddokument C(2025) 3081)

(It-test bil-Grieg biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 259(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż huwa mard virali infettiv li jaffettwa lill-annimali ovini u kaprini u jista' jkollu impatt serju fuq il-popolazzjoni tal-annimali kkonċernati u fuq il-profittabbiltà tat-trobbija tal-annimali, kif ukoll jikkawża tfixkil għall-movimenti tal-kunsinni ta' dawk l-annimali u tal-prodotti tagħhom fl-Unjoni u għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi.

(2) F'każ ta' tifqigħa tal-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż f'annimali kaprini jew ovini, hemm riskju serju li dik il-marda tinxtered fi stabbilimenti oħra ta' annimali kaprini jew ovini.

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([2]) jissupplimenta r-regoli għall-kontroll tal-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2016/429, u definit bħala mard tal-kategoriji A, B u C fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([3]). B'mod partikolari, l-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedu l-istabbiliment ta' żona ristretta f'każ ta' tifqigħa ta' marda tal-kategorija A, inkluż il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż, kif ukoll ċerti miżuri li għandhom jiġu applikati fiha. L-Artikolu 21(1) ta' dak ir-Regolament Delegat jipprevedi li ż-żona ristretta trid tinkludi żona ta' protezzjoni, żona ta' sorveljanza, u jekk meħtieġ, żoni ristretti ulterjuri madwar iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza jew maġenbhom.

(4) Sabiex jiġu indirizzati t-tifqigħat tal-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż fil-Greċja, innotifikati f'Awwissu tal-2024, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2207 ([4]), li tistabbilixxi ċerti miżuri ta' emerġenza relatati ma' dik il-marda fil-Greċja. B'mod aktar partikolari, din tipprevedi li ż-żoni ta' protezzjoni, ta' sorveljanza u ż-żoni ristretti ulterjuri li għandhom jiġu stabbiliti minn dak l-Istat Membru, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, għandhom jinkludu mill-inqas iż-żoni elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(5) Mill-aħħar emenda tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2207, il-Greċja nnotifikat lill-Kummissjoni dwar ħames tifqigħat ġodda tal-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż, li kienu rapportati bejn it-28 ta' April u l-5 ta' Mejju 2025, fi stabbilimenti fejn kienu jinżammu l-annimali ovini u kaprini, fl-unitajiet reġjonali ta' Chalkidiki.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/687/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1882/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2207 tad-29 ta' Awwissu 2024 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż fil-Greċja (ĠU L 2024/2207, 30.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/2207/oj).

(6) Għalhekk, iż-żoni elenkati bħala żoni ta' protezzjoni, ta' sorveljanza, u żoni ristretti ulterjuri għall-Greċja fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2207, kif ukoll id-durata tal-miżuri li japplikaw fihom, jenħtieġ li jiġu aġġustati biex jiġi evitat tixrid ulterjuri tal-marda fil-Greċja jew fil-bqija tal-Unjoni. Għaldaqstant, hemm bżonn li jiġu emendati l-lista taż-żoni ristretti, u d-durata tal-miżuri li għandhom jiġu applikati fihom, stabbiliti fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(7) Id-daqs taż-żoni ta' protezzjoni, ta' sorveljanza, u taż-żoni ristretti ulterjuri, u d-durata tal-miżuri li għandhom jiġu applikati fihom, huma bbażati fuq il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, kif ukoll fuq ir-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Il-kriterji applikati għall-għażla tad-daqs taż-żoni ta' protezzjoni, ta' sorveljanza, u taż-żoni ristretti ulterjuri, kif ukoll tad-durata tal-miżuri li għandhom jiġu applikati fihom, jinkludu kunsiderazzjoni mhux biss tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward tal-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż fiż-żoni affettwati minn dik il-marda, iżda wkoll tas-sitwazzjoni epidemjoloġika ġenerali tal-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż fit-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat minn dik il-marda, kif ukoll tal-livell ta' riskju ulterjuri ta' tixrid tal-marda. Fid-durata magħżula tal-miżuri tqiesu wkoll l-istandards internazzjonali tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali ([5]). Fis-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali, hemm riskju kbir li l-marda tkompli tinxtered. Il-marda ġiet ikkonfermata fl-unità reġjonali ta' Chalkidiki, 'il barra mil-limiti taż-żoni ristretti li bħalissa huma stabbiliti fil-Greċja, u dan jissuġġerixxi li l-marda qed tkompli tiċċirkola minkejja l-miżuri li diġà hemm fis-seħħ f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2207

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2207 hija emendata kif ġej:

"L-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni."

Artikolu 2

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2025.

Għall-Kummissjoni
Olivér VÁRHELYI
Membru tal-Kummissjoni

([5]) https://www.woah.org/en/what-we-do/standards/codes-and-manuals/terrestrial-code-online-access/.

ANNESS

A. **Żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti madwar it-tifqigħat ikkonfermati**

Unità reġjonali u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħat	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fil-Greċja kif imsemmi fl-Artikolu 2	Data sa meta applikabbli
Regional unit of Phocis GR-CAPRIPOX-2025-00058 GR-CAPRIPOX-2025-00059 GR-CAPRIPOX-2025-00060 GR-CAPRIPOX-2025-00061	Protection zone: Those parts of the regional unit of Phocis contained within a circle of a radius of 3 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 38.39722222, Long. 21.88472222 (2025/00058), Lat. 38.37944444, Long. 21.88916667 (2025/59), Lat. 38.39194444, Long. 21.88555556 (2025/60), Lat. 38.37861111, Long. 21.87972222 (2025/61)	19.5.2025
	Surveillance zone: Those parts of the regional unit of Phocis contained within a circle of a radius of 10 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 38.39722222, Long. 21.88472222 (2025/00058), Lat. 38.37944444, Long. 21.88916667 (2025/59), Lat. 38.39194444, Long. 21.88555556 (2025/60), Lat. 38.37861111, Long. 2 1.87972222 (2025/61) excluding the areas contained in any protection zone	28.5.2025
	Surveillance zone: Those parts of the regional unit of Phocis contained within a circle of a radius of 10 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 38.39722222, Long. 21.88472222 (2025/00058), Lat. 38.37944444, Long. 21.88916667 (2025/59), Lat. 38.39194444, Long. 21.88555556 (2025/60), Lat. 38.37861111, Long. 2 1.87972222 (2025/61)	20.5.2025 - 28.5.2025
Regional unit of Evros Municipality of Samothrace GR-CAPRIPOX-2025-00057	Protection zone: Those parts of the Municipality of Samothrace contained within a circle of a radius of 3 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 40.478972, Long. 25.664547 (2025/57)	16.5.2025
	Surveillance zone: Those parts of the Municipality of Samothrace contained within a circle of a radius of 10 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 40.478972, Long. 25.664547 (2025/57) excluding the areas contained in any protection zone	25.5.2025
	Surveillance zone: Those parts of the Municipality of Samothrace contained within a circle of a radius of 10 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 40.478972, Long. 25.664547 (2025/57) excluding the areas contained in any protection zone	17.5.2025 - 25.5.2025

Unità reġjonali u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħat	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fil-Greċja kif imsemmi fl-Artikolu 2	Data sa meta applikabbli
Regional unit of Aetolia-Acarnania GR-CAPRIPOX-2025-00045 GR-CAPRIPOX-2025-00053 GR-CAPRIPOX-2025-00055 GR-CAPRIPOX-2025-00056	Surveillance zone: Those parts of the regional units of Aetolia-Acarnania and Phocis contained within a circle of a radius of 10 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 38.391486, Long. 21.854056 (2025/00045), Lat. 38.39565278, Long. 21.85270278 (2025/53), Lat. 38.40945556, Long. 21.85508889 (2025/55), Lat. 38.42558056, Long. 21.84985 (2025/56) excluding the areas contained in any protection zone	17.5.2025
	Surveillance zone: Those parts of the regional units of Aetolia-Acarnania and Phocis contained within a circle of a radius of 10 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 38.391486, Long. 21.854056 (2025/00045), Lat. 38.39565278, Long. 21.85270278 (2025/53), Lat. 38.40945556, Long. 21.85508889 (2025/55) Lat. 38.42558056, Long. 21.84985 (2025/56)	9.5.2025 – 17.5.2025
Regional unit of Larisa GR-CAPRIPOX-2025-00054	Surveillance zone: Those parts of the regional unit of Larisa and Pieria contained within a circle of a radius of 10 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 39.9135346, Long. 22.61496985 (2025/00054) excluding the areas contained in any protection zone	17.5.2025
	Surveillance zone: Those parts of the regional unit of Larisa and Pieria contained within a circle of a radius of 3 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 39.9135346, Long. 22.61496985 (2025/00054)	9.5.2025 – 17.5.2025
Regional unit of Chalkidiki GR-CAPRIPOX-2025-00062 GR-CAPRIPOX-2025-00063 GR-CAPRIPOX-2025-00064 GR-CAPRIPOX-2025-00065 GR-CAPRIPOX-2025-00066	Protection zone: Those parts of the regional unit of Chalkidiki contained within a circle of a radius of 3 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 40.124539, Long. 23.378264 (2025/00062) Lat. 40.130724. Long.23.344954 (2025/00063), Lat. 40.1153. Long. 23.33861 (2025/00064), Lat. 40.121511, Long. 23.347854 (2025/00065), Lat. 40.125054, Long.23.397489(2025/00066)	25.5.2025
	Surveillance zone: The whole municipality of Kassandra excluding the areas contained in any protection zone	3.6.2025
	Surveillance zone: The whole municipality of Kassandra	26.5.2025 - 3.6.2025

B. **Żoni ristretti ulterjuri**

Żoni ristretti ulterjuri	Unità reġjonali	Żoni inklużi fiż-żoni ristretti ulterjuri stabbiliti fil-Greċja kif imsemmi fl-Artikolu 2	Data sa meta applikabbli
Further restricted zone No 1	**Regional unit of Evros**	The regional unit of Evros excluding the municipality of Samothrace	8.5.2025 – 6.6.2025
Further restricted zone No 2	**Regional unit of Rhodopi**	The regional unit of Rhodopi	8.5.2025 – 6.6.2025
Further restricted zone No 3	**Regional unit of Kavala**	The regional unit of Kavala including the municipality of Thasos	6.6.2025
	Regional unit of Drama	The municipality of Doxato	6.6.2025
	Regional unit of Xanthi	The regional unit of Xanthi	8.5.2025 – 6.6.2025
Further restricted zone No 4	**Regional unit of Chalkidiki**	The municipalities of Aristotelis, and Polygyros.	14.4.2025 –3.7.2025
Further restricted zone No 4 A	**Regional unit of Chalkidiki**	The whole municipality of Nea Propontida	3.6.2025
		The whole municipality of Kassandra and Nea Propontida	4.6.2025-3.7.2025
Further restricted zone No 8	**Regional unit of Magnesia**	The regional unit of Magnesia, excluding the Sporades islands	28.4.2025 – 27.5.2025
	Regional unit of Phthiotis	The municipality of Stylida	28.4.2025 – 27.5.2025
Further restricted zone No 9	**Regional unit of Phocis**	The municipality of Dorida excluding the areas included in any protection or surveillance zone	28.5.2025
		The municipality of Dorida	29.5.2025 - 27.6.2025
	Regional unit of Aetolia-Acarnania	The municipalities of Nafpaktia and Messolonghi, excluding the areas included in any protection or surveillance zone	17.5.2025
		The municipalities of Nafpaktia Messolonghi	18.5.2025 - 27.6.2025
Further restricted zone No 9 A	**Regional unit of Aetolia-Acarnania**	The municipalities of Agrinio Thermo, Agrinio, Xiromero, Thermo	16.6.2025

Żoni ristretti ulterjuri	Unità reġjonali	Żoni inklużi fiż-żoni ristretti ulterjuri stabbiliti fil-Greċja kif imsemmi fl-Artikolu 2	Data sa meta applikabbli
Further restricted zone no 16	**Municipality of Samothrace in the regional unit of Evros**	Municipality of Samothrace, excluding the areas included in any protection or surveillance zone.	25.5.2025
		The municipality of Samothrace	26.5.2025-24.6.2025
Further restricted zone no 18	**Regional unit of Thessaloniki**	The municipalities of Volvi and Lagkadas.	14.4.2025 – 13.5.2025
Further restricted zone no 19	**Regional unit of Larisa**	The municipalities of Agia and Tempi excluding the areas included in any protection or surveillance zone	17.5.2025
	Regional unit of Larisa	The municipalities of Agia and Tempi	18.5.2025 - 16.6.2025
	Regional unit of Pieria	The municipality of Dion-Olympos excluding the areas included in any protection or surveillance zone	17.5.2025
	Regional unit of Pieria	The municipality of Dion-Olympos	18.5.2025 - 16.6.2025